MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Numru. 314/2005

Il-Qorti

**1.** Ikkonsidrat li, permezz ta' sentenza tal-21 ta' Marzu 2006, l-imputat kien tpoġġa taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal perjodu ta' tliet snin.

**2**. Fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2008, il-Qorti semgħet lill-Probation Officer bil-ġurament, tgħid fid-dettal kif Gary Mifsud kien qed jonqos serjament milli qed josserva d-direttivi mogħtija lilu mill-istess uffiċjal u dan sabiex l-istess Gary Mifsud ikun jista' jeħles mill-vizzju tad-droga.

**3**. Skond l-atti tal-proċess din ma kenitx l-ewwel denunzja kontra Gary Mifsud għaliex fl-4 t'Awissu, 2006, juwa kien denunzjat u nhar l-14 ta' Settembru 2006, il-Qorti ordnat lil Gary Mifsud biex jibda program residenzjali bilfors. Kien imwissi wkoll li jekk ma kienx ser jobdi, il-Qorti jkolha tibdel l-Ordni ta' Probation fi priġunerija u multa. (fol.16).

**4.** Il-Qorti tinsab morlament konvinta li dak li rraportat il-Probation Officer Victoria Grech huwa kompletament veru u li kienet tonqos mid-dmir taħgha kieku m'għamlitx din id-denunzja.

**5.** Il-Qorti qed tirreferi għaż-żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Conrad Meilaq' u 'Il-Pulizija kontra X' (din ta'l-aħħar kienet għadha minorenni meta kienet inqabdet bid-droga), u fejn il-Qorti ddeċidiet li ġaladarba l-Ordni tal-Probation kienet li dawn kellhom iġibu ruħhom tajjeb u jgħaddu ħajja ta' bżulija, id-diżubbidjenza għad-direttivi mogħtija b'responsabbilita' u b'għaqal mill-Probation Officer tfisser li tkun inksiret l-Ordni tal-Probation.

**6.** Il-Qorti hawn qed tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każi ċitati:

**' Fil-fehma ta' din il-Qorti,huwa kjarament fl-interess ta' 'Meilaq' li huwa jinghata l-ghajnuna f'ambjent ikkontrollat peress li m'ghandux motivazzjoni bizzejjed biex jaghmel dak l-isforz mehtieg biex ikun jista jintraprendi programm ta' riabilitazzjoni u ghalhekk certament mhux indikata f'dan il-kaz is-semplici bidla fil-kondizzjonijiet tal-Probation Order' (Il-Pulizija versus Conrad Meilaq)**

U fit-tieni każ:

**'Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa kjarament fl-interess ta' X li hija tingħata ghajnuna f'ambjent ikkontrollat: fi**

**kliem il-Maggur Bartolo, aħjar il-habs milli mejta fit-triq. (Il-Pulizija versus X)**[1]

**7.** Ma' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-Qorti qed iżżid dawn iż-żewġ osservazzjonijiet:

(a) Kontra dak li jaħsbu ħafna, il-Probation Order hija ordni li trid tittieħed bis-serjeta' matul il-perjodu kollu u li jekk wieħed ma jobdihiex **il-Qorti tista' tagħti s-sentenza li setgħet tippronunzja qabel l-imputat ma kien ingħata dan iċ-ċans biex jirriforma. Fi kliem ħafif jew tieħu ċ-ċans jew tbati l-konsegwenzi ta' għemilek.**

(b) Meta Ordni ta' Probation tingħata f'każijiet ta'pussess ta' droga, l-imputat irid jobdi kull direttiva raġonevoli li jingħata kemm jekk direttament mill-Qorti kif ukoll mill-Uffiċjal tal-Probation li jkun qed jaġixxi fl-interess ta' dak li jkun tpoġġa taħt il-ħarsien tiegħu. L-Uffiċjal tal-Probation jista' jkun f'sitwazzjoni li jħoss responsabilita' kbira li kull tant l-għażla hija bejn il-priġunerija u l-mewt tal-persuna fdata f'idejh. Jekk wieħed ma jridx jilludi ruħu, meta bniedem dipendenti mid-droga jingħata ordni jew parir biex jibda program u dan ma jagħmlux, ma teżisti ebda terza via oħra ħlief dik tal-priġunerija effettiva sabiex forsi dak li jkun jirrealizza li jiħtieġ li jaqta' l-vizzju. **Min jaħseb li jeżistu toroq oħra ma jkunx qed jgħix fir-realta' li teżisti kemm Malta kif ukoll fl-artijiet barranin li bħalna qed ifittxu kull mezz biex isalvaw dak li hu salvabbli.**

**Konklużjoni**

8. Fil-każ odjern, l-imputat ma kienx akkużat biss bil-pussess ta' droga iżda wkoll b'reat taħt l-artikolu 308 (frodi) tal-Kap 9. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(a), 22(20(b)(ii) tal-kap 101, it-Taqsima 4 u 6 tal-

[1] L-isem mhux jidher għaliex meta kien seħħ l-allegat reat l-imputata kienet għadha taħt l-eta'.

Kap 101, kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, ir-regolament 3(1) ta’ l-AL 22 ta’ l-1985, l-Artikolu 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kap 31, l-artikoli 17(b) u 308 tal-Kap 9 qed tittratta ma’ Gary Mifsud ghar-reati li dwaru huwa kien originarjament akkuzat u dikjarat hati u ghalhekk tikkundannah ghall-piena ta’ tnax-il xahar prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda li matul il-periodu ta’ inkarcerazzjoni tiegħu l-hati jinghata l-ghajnuniet kollha sabiex huwa jkun jista’ jibda programm ta’ riabilitazzjoni mill-problema tiegħu ta’ dipendenza fuq id-droga. Komunika immedjata ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Faċilita’ Korretiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------